**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Emanuel Sank**

**Kumpilazzjoni 727/2024**

**Illum 26 ta' Frar 2025**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

**Emanuel Sank ta' 44 sena, imwieled fis-27 ta' Gunju 1980, gewwa San Giljan, iben Clayton Sank u Josephine Mangion nee' Galea, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 357980M u residenti 50, Madrab, Flat 2, Triq Kan, Injazju Sciberras Psaila, Birkirkara**

Akkuzat talli nhar it-3 ta' Settembru 2024 ghal habta tas-18:00hrs minn gewwa l-kumpanija bl-isem ta' "Pony Express Couriers Malta" li tinsab gewwa 28, Triq il-Karmnu, Birkirkara- u/jew bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' flus mill-kumpanija bl-isem ta' "Pony Express Couriers Malta", liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Sandro Sammut u/jew persuna ohra u/jew entita';

2. U aktar talli fl-istess hin, lok, u cirkostanzi tal-imputazzjoni precedenti, b'mezzi xort' ohra minn dawk imsemmijin fl-Artikoli tas-Sub-Titolu IV tat-Titolu IX tal-Ewwel Parti tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 8 tal-Ligijiet ta' Malta, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Sandro Sammut u/jew persuna ohra u/jew entita', liema ammont tal-hsara ma jiskorrix il-mitejn u hamsin eruto (€250);

3. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi tal-imputazzjoni precedenti xjentament issoprima jew b'xi mod iehor qered jew biddel it-tracci jew l-indizji ta' reat;

Akkuzat talli nnhar il-11 ta' Settembru 2024 gewwa l-Gzejjer Maltin:

4. Ghamel ingurji u/jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali lil Sandro Sammut u/jew persuna ohra u/jew entita', jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi tal-imputazzjoni precedenti permezz ta' xi network jew apparat ta'

komunikazzjoni elettronika hedded lil Sandro Sammut li ser jaghmel reat u/jew ghamel uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra Emanuel Sank ghall-beneficcju ta’ Sandro Sammut, Lara Cauchi u George Cauchi u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta ta’ Sandro Sammut, Lara Cauchi u George Cauchi.

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Din l-Onorabbli Qorti giet gentilement mitluba sabiex f’kaz ta’ htija ghar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew ghal wiehed biss jew ghal uhud minnhom, thaddem kontra l-hati d-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 15A u 532A tal-Kodici Kriminali, u dan minbarra li tinfliggi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-ligi.[1]

Rat li l-imputat wiegeb hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu fis-seduta tad-29 ta’ Jannar 2025 u dan wara li gie debitament imwissi skond il-ligi

[1] A foli 2 sa 4 tal-process.

u inaghta cans jikkonsidra u jikkonsulta mal-avukat tieghu dwar il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni.[2]

Semghet lill-imputat jikkonferma l-htija tieghu fir-rigward tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu fl-istess seduta tad-29 ta' Jannar 2025.[3]

Rat illi wara li tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jerga' jikkonsulta mal-Avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri u wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, u l-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, l-imputat reġa' ikkonferma l-ammissjoni tieghu ghall-akkużi migjuba kontra tieghu.[4]

Rat l-atti kollha.

Rat il-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[5].

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

---

[2] A folio 61 tal-process.

[3] A folio 61 tal-process.

[4] A folio 61 u 62 tal-process.

[5] Dokument D a folio 16 tal-process.

Dan il-kaz jirrigwarda serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-persuna u bil-valur f'ammont mhux aktar minn mitejn u hamsin Ewro (€250) maghmula mill-imputat mill-kumpanija Pony Express Couriers Malta, hsara volontarja ghad-detriment tal-istess, simulazzjoni sabiex ibiddel it-tracci ta' reat kif ukoll ingurji u theddid lil Sandro Sammut u uzu mhux xieraq ta' apparat ta' komunikazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fis-seduta tad-29 ta' Jannar 2025, l-imputat irregistra ammissjoni, liema ammissjoni huwa rega' ikkonferma wara li l-Qorti spjegatlu l-portata tal-akkużi, il-konsegwenzi ta' tali ammissjoni, il-piena erogabbli ghall-istess akkuzi, liema ammissjoni l-imputat wkoll ikkonferma wara illi l-Qorti tat zmien ragonevoli lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu u wara li inghata il-hin mehtieg biex jikkonsulta dwar tali ammisjoni mal-avukat li qed jassistih f'dawn il-proceduri.

Illi fuq tali ammissjoni l-akkuzi jinsabu pruvati u l-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Id-disposizzjonijiet legali li huma ta' l-aktar relevanza ghall-vertenza li ghandha quddiema din il-Qorti illum huma s-segwenti:

*278.(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*
*(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux diktal- "vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha.*
*(3) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew iżjed mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux b'dik tal-*

*"vjolenza", il-piena fuq imsemmija tiżdied bi grad u ma tingħatax fil-minimum tagħha.*

*279. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"valur" biss, jeħel –*
*(a) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa utletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin;*
*(b) jekk il-valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tlettax-il xahar sa seba'snin:*
*Iżda meta għal xi raġuni msemmija fl-artikolu 325(2) ma jkunx possibbli li jiġi stmat il-valur tal-ħaġa misruqa, dak il-valur għandu jiġi stmat li jkun jeċċedi l-elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37)*

*Il-piena ghar-reat ta' serq aggravat b'zewg kwalifici hija is-segwenti:*
*281. Il-ħati ta' serq ikkwalifikat biss bil-"persuna", bil-"lok",bil-"ħin" jew bix-"xorta tal-ħaġa misruqa", jeħel –*
*(a) jekk is-serq ikun akkumpanjat b'waħda biss mill-erba' kwalifiki hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn seba' xhur sa sentejn;*
*(b) jekk is-serq ikun akkumpanjat bi tnejn minn dawk il-kwalifiki, l-istess piena, iżda qatt fil-minimum tagħha;*

**Ikkunsidrat**:

Il-Qorti fliet l-atti tal-kawza kif ukoll il-fedina penali tal-imputat, illi minkejja illi ma hiex wahda netta, jidher illi l-imputat kien qed jipprova jzomm mat-triq tas-sewwa hekk kif fil-fedina penali jirrizultaw zewg istanzi wahda 1994 u l-ohra fl-2001 fejn l-imputat xellef difru mal-gustizzja.

Illi-imputat irregistra ammissjoni, anke jekk mhux fl-ewwel smiegh ta' dawn il-proceduri. Illi kif inhu maghruf pero l-fatt li ammetta l-akkuzi ma jintitolax awtomatikament lill-imputat ghal xi skont mill-piena karcerarja.[6]

Illi din il-Qorti giet mgharrfa illi l-imputat irid jindirizza l-problema li qed ihabbat wiccu maghha u cioe dik tal-abbuz mis-sustanzi u prezentament jinsab isegwi b'mod volontarju programm ta' rijabilitazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-Qorti tqis illi m'ghandhiex tkun hi li tfixkel ir-rijabilitazzjoni tal-imputat u kunsidrat il-fedina penali tal-imputat, l-ammissjoni tieghu, u l-fatt illi l-imputat qed jipprova jirrijabilita ruhu volontarjament, din il-Qorti tqis illi piena karcerarja ma hiex idoneja f'dan il-kaz.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 261(b)(c)(d), 263(a), 264(1), 267, 268(d), 278(3), 325(1)(c), 339(1)(e), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 49(a)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **EMANUEL SANK HATI** tal-akkuzi kollha kif dedotti u qeghda tpoggi lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett snin minn meta din is-sentenza issir res judicata ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

[6] Ara f' dan is-sens is-seggwenti sentenzi decizi mill-Qorti tal-Appelli Kriminali- Il-Pulizija vs Emanuel Testa ( App. Nru. 152/2002) deciza per Onr. Imhallef Vincent De Gaetano; Il-Pulizija vs Christ Paul Camilleri ( app. Nru. 128/2018) per Onr. Imhallef Aaron Brugeja; Il- Pulizija vs Costantino Felice et ( App. Nru. 210/2007) per Onr. Imhallef Joseph Galea Debono, Il-Pulizija vs Angel Attard ( App. Nru. 148/2005) per Onr. Joseph Galea Debono, Il-Pulizija vs Paul Calleja ( App. Krim. 307/2008) per S.T. Onr. Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

In oltre ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett snin minn meta din is-sentenza ssir res judicata u dan skont l-istess Ordni mahruga kontestwalment ma' din is-sentenza liema Ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trazzin a favur ta' Sandro Sammut, Lara Cauchi u George Cauchi ghal zmien sena minn meta din is-sentenza ssir res judicata.

Inoltre ai termini tal-artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati biex ihallas lill-vittma Sandro Sammut in rapprezentanza tal-kumpanija Pony Express Couriers Malta is-somma ta' tmien mija u disghin Ewro (€890), l-ammont misruq mill-hati kif jirrizulta mir-rapport[7] kif ukoll is-somma ta' mija u tnejn u tmenin Ewro u disghin centezmu (€182.90) stima tal-hsara[8] kagunata mill-hati.

Stante illi f'din il-kawza ma gew mahtura l-ebda esperti, it-talba tal-prosekuzzjoni taht l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tistax tintlaqa'.

Il-Qorti spjegat din is-sentenza fi kliem car u semplici lill-hati Emanuel Sank l-obbligi tieghu taht din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

---

[7] Dokument B a folio 11 tal-process.

[8] Dokument F, a folio 21 tal-process.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Qrati minnufih.

Moghtija illum 26 ta' Frar 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr Monica Vella LL.D., M. Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.